



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

10.9.2013

B7-0426/2013

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja
(2013/2819(RSP))

**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Mairead McGuinness,
Elmar Brok, Cristian Dan Preda, Ria Oomen-Ruijten, Arnaud Danjean,
Jacek Protasiewicz, Gunnar Hökmark, Hans-Gert Pöttering,
Roberta Angelilli, Eleni Theoharous, Eduard Kukan, Tokia Saïfi,
Tunne Kelam, Bernd Posselt, Anne Delvaux, Lena Kolarska-Bobińska**
f'isem il-Grupp PPE

<<<

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar the is-sitwazzjoni fis-Sirja
(2013/2819(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sirja,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mir-Rappreżentant Għoli tal-UE Catherine Ashton rigward l-aħħar rapporti dwar l-użu ta' armi kimiċi f'Damasku tal-21 ta' Awissu 2013, dwar l-urġenza kbira ta' soluzzjoni politika fil-kunflitt Sirjan tat-23 ta' Awissu 2013 u dwar il-pożizzjoni maqbula tal-UE rigward is-Sirja tas-7 ta' Settembru 2013;
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi attivisti qalu li missili b'aġenti kimiċi laqtu s-subborgi ta' Damasku Ain Tarma, Zamalka u Jobar fil-21 ta' Awissu 2013 f'bumbardament feroċi mill-forzi tal-gvern qabel tluġh ix-xemx;
- B. billi, skont in-Nazzjonijiet Uniti, mindu bdiet ir-ripresjoni vjolenti kontra dimostranti paċifiċi fis-Sirja f'Marzu 2011 inqatlu aktar minn 100 000 ruħ, li l-biċċa l-kbira minnhom kienu ċivili;
1. Jikkundanna bil-qawwa l-qtil tal-massa ta' nies ċivili b'armi kimiċi fil-21 ta' Awissu 2013 li, skont l-intelligence tal-Punent, wassal għall-mewt ta' tal-anqas 1 400 ruħ, fosthom 400 tifel u tifla;
 2. Jemmen li l-użu tal-armi kimiċi, wieħed mill-mezzi atomiċi, bijoloġiċi u kimiċi tal-qerda tal-massa, ma jistax jitħalla jgħaddi bla reazzjoni, u li l-komunità internazzjonali għandha dmir morali li tirreaġixxi biex tiproteġi lill-popolazzjoni ċivili;
 3. Jilqa' l-missjoni tat-tim tan-Nazzjonijiet Uniti għall-ispezzjoni tal-armi kimiċi fis-Sirja; jistieden lin-Nazzjonijiet Uniti biex jikkompletaw l-investigazzjoni u jivvalutaw ir-responsabbiltajiet; jappella biex ir-rapport tal-investigazzjoni jintbagħat mill-aktar fis possibbli lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; jitlob li l-membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jiddiskutu l-qtil tal-massa fis-Sirja fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-panel ta' esperti tan-Nazzjonijiet Uniti u jivvalutaw x'miżuri jistgħu jiġu adottati b'risposta għall-użu tal-armi kimiċi fis-Sirja;
 4. Jilqa' l-pożizzjoni tal-UE dwar is-Sirja, maqbula fil-laqgħa informali tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-UE fis-7 ta' Settembru 2013; jenfasizza li s-sitwazzjoni fis-Sirja tirrikjedi approċċ komuni u koerenti mill-Istati Membri; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jiddiskutu s-sitwazzjoni fis-Sirja fil-qafas tal-Kunsill Affarijiet Barranin u jivvalutaw x'miżuri l-UE tista' tadotta biex tappoġġja lill-forzi demokratiċi fl-oppożizzjoni Sirjana, tiffaċilita d-djalogu u approċċ komuni ma' membri oħra tal-komunità internazzjonali bħall-Istati Uniti tal-Amerika, ir-Russja, it-Turkija u l-Lega Għarbija, u tagħti aktar għajjnuna umanitarja lill-popolazzjon fis-Sirja u fil-pajjiżi ġirien;

5. Jemmen li l-komunità internazzjonali ġenerali għandha tiddefinixxi soluzzjoni politika għas-Sirja li tkun fil-qagħda li ttejjem il-vjolenza, tipprevjeni l-użu ulterjuri ta' armi kimiċi u ttipromwovi tranżizzjoni demokratika;
6. Jistieden b'mod partikolari lir-Russja u liċ-Ċina, bħala membri permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, biex jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom u jiffaċilitaw l-ilħiq ta' pożizzjoni komuni u soluzzjoni diplomatika għall-kriżi Sirjana;
7. Jenfasizza li, jekk l-evidenza tikkonferma l-użu ta' dawn l-armi tal-qerda tal-massa mir-reġima ta' Assad, għandu jinħareġ ultimatum immedjat lir-reġim biex iqiegħed il-ħażna tiegħu ta' aġenti kimiċi taħt kontroll internazzjonali – li jista' jinvolvi lir-Russja; jissottolinja l-fatt li r-reġim għandu wkoll jaqbel b'mod inkondizzjonali li jieħu sehem fil-proċess politiku tal-paċi f'Ġinevra;
8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt fis-Sirja.